Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Rikors Guramentat 1049/17MH

**Carmel Bonello noe.**

**Vs**

**Carmel Pace et.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmel Bonello noe data 16 ta' Novembru, 2017[1]

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmel Pace et. datata 30 ta' Jannar, 2018[2]

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju, 2017[3], fejn ġie dikajara minn Dr. Montalto għal intimati kollha għajr għal Carmel Pace illi b'referenza għall-ewwel talba tar-rikorrenti illi effettivament l-intimati kienu qegħdin jokkupaw strippa art fiz-zona indikata iżda li din ma kienetx tal-kejl ta' disgha u ħamsin metru kwadru, (49) iżda ta' sebgha u tlettin metru kwadru, (37) u li kienu lesti li darba li dan jiġi hekk determinat illi jirrilaxxaw il-pussess ta' l-art indikata basta jingħataw d-dedita kwittanza.

Rat ukoll il-verbal tas-16 ta' Jananr, 2019[4], fejn ġie verbalizzat illi *"Il-partijiet jaqblu illi-konvenuti sa llum qed jokkupaw biċċa art propjeta' tal-attur nomie kif indikat fit-talba u d-dokumentazzjoni esebita fl-atti. Il-partijiet iltaqgħu fuq*

[1] Folio 1
[2] Folio 25
[3] Folio 27
[4] Folio 35

*il-post u qabblu wkoll li parti zgħira mill-art reklamata mill-attur noe ma hiex fil-pussess tal-konvenuti iżda taj' terzi, għal din il-parti ż-żgħira hemm qbil li l-konvenuti mhux assumu ebda responsabilta'. Il-partijiet diga irredigew pjanta li turi b'mod preċiz l-art ta' l-attur nomine okkupata mill-konvenuti magħmula minn Perit Sharon Falzon inkarigata mill-konvenuti.*"

Żiedu ukoll illi l-konvenuti kienu qed jobbligaw rwieħom illi b'mod immdejat jirrilaxxaw il-parti ta' l-art in kwistjoni favur l-attur noe li qed zzomm id-dritt li jiddelima fizakament l-istess fuq il-post.

Fl-istess verbal hemm verbalizzat lil konvenuti obbligaw rwiehom li jħallsu ta' dawn il-proċeduri filwaqt li l-attur noe jirrinunzja gal kull pretensjoni ta' ħlas għal okkupazzjoni tal-projeta' tiegħu da parti tal-konvenuti.

Ikkonsidrat

Illi għandu mill-ewwel jiġi preċizat illi nonstante illi Dr.Roberto Montalto ffirma ir-risposta guramentata għal partijiet konvenuti kollha, l-ewwel verbal suriferit sar ad esklussjoni tal-konvenut Carmel Pace. Mhux ċar għall Qorti jekk il-verbal ta' l-aħħar seduta kienx jinkludi ukoll il-konvenut imsemmi. Fi kwalunkwe kaz l-istess konvenut imkien ma ressaq prova waħda n sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu dan nonostante lil kawza kienet imħollija għal provi tiegħu dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa li hu ma kienx il-legittimu kontradittur biex jwiegeb għat-talbiet ta' l-attur noe. Lanqas ma jidher li hu rregistra xi oġġezzjoni għal dak li ġie verbalizzat kif suriferit fl-aħħar verbal imsemmi.

Rat ukoll li f'dan il-verbal illi darba li jsir dan ir-rilaxx favur l-attur, l-istess atttur noe kien qed iżżomm id-dritt li jiddelinea fizikament l-art *de quo.*

Rat ukoll lil konvenuti obbligaw rwieħom illi jħallsu l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri fil-waqt li l-attur noe kien qed jirinunzja għal kull ħlas ta' okkupazzjoni tal-propjeta' tiegħu da parti tal-konvenuti.

Rat ukoll lil partijiet ippresentaw pjanta n'nota konguntiva[5] li turi d-delineazzjoni ta' l-art in kwistjoni[6].

Ikkonsidrat

Din hija kawza ta' okkupazzjoni ta' stripa art da parti tal-konvenuti li l-atturi noe jvantaw bħala tagħhom. Ma dan jaqbblu l-partijiet fil-limiti tal-verbal indikat. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tilqa t-talbiet fil-limiti tal-verbal indikat b'dan pero li fir-rigward tal-konvenut **Pace Carmel** qegħda tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba dak dikjarat minnhu fir-risposta ġuramentata tiegħu (a fol 25).

**Konsegwentement din il-Qorti qegħda tilqa t-talbiet fil-limit ta' dak maqbul**

**B'dan illi tiddikjara lli l-intimati qegħdin jokkupaw strippa art ta' kejl ta' tlieta u sebghin metru kwadru jew kejl ieħor verjuri kif indikata fil-pjanta Dok AA[7] liema art hija propjeta' ta' l-attur noe;**

[5] Fol. 37
[6] Fol 38 Dok AA
[7] Ibid.

**Tikkundana lil intimati jirrilaxxaw lil-istess propjeta' indikat a favur l-atturi noe u dan fi żmien perentorju ta' gimghatejn mill lum jekk dan il-fatt mhux ġia okkorra bl-ispejjez fi kwalunkwe kaz a karigu ta' l-istess intimati. L-itess attur noe huwa ukoll awtorizzat illi jesegwixxi ix-xogħolijiet meħtiega għal dan il-għan, dan dejjem bi spejejz a karigu tal-konvenuti.**

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti għajr ghall-ewwel eċċezzjoni ta' Carmel Pace li qed jiġi liberat minnha mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjes għalih għall-eċċezzjoinijiet minnhu mressqa.**

**Bl-ispejjez ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-konvenuti inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Ottubru, 2016 u tal-ittra uffiċċjali tas-17 ta' Frar, 2017 kontra l-intimati .**

**Onor. Dr Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**